KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 23.12.2005
KUMM(2005) 700 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-operat tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1185/2003 dwar it-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar abbord ta' bastimenti.

WERREJ

Introduzzjoni. 3

1. Sfond: Dispożizzjonijiet prinċipali stabbiliti bir-Regolament Nru 1185/2003 3

2. Perjodi ta’ interess u konformità mar-rekwiżiti ta' rappurtaġġ nazzjonali 4

3. Il-qagħda preżenti ġenerali fir-rigward ta’ l-użu jew le minn l-Istati Membri tal-possibiltà ta' l-allokazzjoni ta' permessi speċjali għas-sajd biex jitneħħa x-xewk abbord 5

4. Informazzjoni relatata ma’ l-allokazzjoni ta’ permessi speċjali għas-sajd għat-tneħħija tax-xewk tal-klieb il-baħar abbord u l-kundizzjonijiet assoċjati 6

4.1. In-Numru ta’ permessi speċjali għas-sajd u l-ġustifikazzjoni 6

4.2. Korrispondenza bejn il-piż tax-xewk u l-piż ta’ l-iġsma tal-klieb il-baħar 7

4.3. Dokumentazzjoni kkunsidrata valida mill-Istati Membri għall-fini ta’ monitoraġġ tal-ħatt l-art separat ta’ xewk u ta’ iġsma – Il-ħatt l-art barra l-portijiet Komunitarji. 7

5. Kontrolli u Monitoraġġ tal-konformità tal-bastimenti li għandhom permessi speċjali għas-sajd 8

6. Żviluppi internazzjonali tal-projbizzjonijiet tat-tneħħija tax-xewka tal-kelb il-baħar . 9

7. Konklużjonijiet 10

Anness Rapporti nazzjonali milqugħa 11

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-operat tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1185/2003 dwar it-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar abbord ta' bastimenti.

Introduzzjoni

Id-domanda qawwija għax-xewk tal-klieb il-baħar fis-suq internazzjonali, kif ukoll il-prezz li normalment ikun relattivament baxx tal-laħam tal-klieb il-baħar u l-limitazzjonijiet prattiċi għall-konservazzjoni tiegħu abbord, wassal għall-prattika fejn ix-xewk jitneħħa minn kull kelb il-baħar maqbud mill-bastiment tas-sajd u miżmum abbord waqt li l-bqija tal-kelb il-baħar jiġi mormi fil-baħar.

Din il-prattika, magħrufa bħala "t-tneħħija tax-xewka tal-kelb il-baħar" (*shark finning*) qajmet tħassib kbir fuq livell internazzjonali kif ukoll fuq livell Komunitarju minħabba l-qtil ta' kwantitajiet kbar ta' klieb il-baħar b'effetti devastanti u mhux sostenibbli fuq il-popolazzjoni tal-klieb il-baħar.

Fuq il-bażi tal-proposta tal-Komunità[1], il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1185/2003[2] biex jipprojbixxi l-prattika tat-tneħħija tax-xewka ġewwa l-ibħra Komunitarji kollha u għall-bastimenti kollha tal-Komunità madwar id-dinja, waqt li jirrikonoxxi l-possibiltà għas-sajd tal-klieb il-baħar leġittimu meta jsir użu komplet mill-qabda.

Il-Kummissjoni qed tippreżenta dan ir-rapport ġenerali dwar l-operat tar-Regolament 1185/2003 skond l-Artikolu 6 tiegħu.

1. SFOND: DISPOŻIZZJONIJIET PRINĊIPALI STABBILITI BIR-REGOLAMENT NRU 1185/2003

L-iktar metodu effettiv u prattiku biex tiġi implimentata l-projbizzjoni tat-tneħħija tax-xewka u biex il-qbid sekondarju tal-klieb il-baħar fis-sajd isir inqas attraenti, hu li tiġi pprojbita t-tneħħija tax-xewk abbord. Bħala konsegwenza loġika, iż-żamma abbord, it-trasbord jew il-ħatt l-art tax-xewk tal-klieb il-baħar li tneħħew minn mal-bqija tal-ġisem tal-ħuta wkoll huma pprojbiti. Dawn il-projbizzjonijiet ġenerali huma stabbiliti skond l-Artikolu 3 tar-Regolament.

Għalkemm huwa possibbli li jitnaddaf l-intestin jew tinqata' ras il-klieb il-baħar, għal ċertu sajd jista' jkun hemm il-bżonn prattiku li jitneħħew ix-xewk tal-klieb il-baħar abbord u jsir l-iproċessar separat tax-xewk u l-iġsma abbord, anki meta l-karkassa tkun se tinżamm (per eżempju għall-bastimenti tal-friża li jivvjaġġaw fil-baħar għal żmien twil). F'dawk iċ-ċirkostanzi, ir-Regolament (l-Artikolu 4) jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru biex jidderogaw mill-projbizzjonijiet ġenerali msemmija

---

1 COM (2002)449 finali tal-5.8.2002

2 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1185/2003 tas-26.6.2003 dwar it-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar abbord ta' bastimenti, ta' l-4.7.2003, p.1.

hawn fuq billi jinħareġ permess speċjali għas-sajd li permezz tiegħu titħalla ssir it-tneħħija abbord. Madankollu, il-ħruġ tal-permess speċjali huwa soġġett għall-kundizzjonijiet li tali pproċessar ikun iġġustifikat kif suppost u li kull parti tal-klieb il-baħar tintuża.

Barra minn hekk, f'dawk iċ-ċirkostanzi l-piż tax-xewk miżmum mill-qabda m'għandux jaqbeż piż ta' referenza li jkun jikkorrispondi mal-bqija tal-partijiet tal-kelb il-baħar miżmum. Il-valur ta' korrispondenza bejn il-piż tax-xewk u l-piż tal-bqija tal-partijiet tal-klieb il-baħar miżmuma mill-qabda għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri li għandhom jikkunsidraw it-tip ta' sajd, it-tip ta' pproċessar u ħażna u l-kompożizzjoni tal-qabda skond l-ispeċi. Madankollu, biex l-abbużi possibbli jkunu llimitati, il-proporzjon teoretiku tal-piż tax-xewk m'għandu qatt jaqbeż il-5% tal-piż ħaj tal-qabda tal-klieb il-baħar.

Barra dan, biex ikun iffaċilitat l-infurzar, l-Artikolu 5 tar-Regolament jipprevedi numru ta' dispożizzjonijiet dwar it-traċċabilità u ż-żamma ta' rekords tal-qabda sostenuti, il-ħatt l-art, it-trasbordi u l-bejgħ, partikolarment meta l-qabda tal-kelb il-baħar jaf ma tkunx inħattet sħiħa. F'każ bħal dan, l-Istat Membru għandu jiddefinixxi wkoll it-tip ta' dokumentazzjoni li hu meqjus validu għal dan il-għan. Barra dan, il-kontrolli fuq ħatt l-art barra port Komunitarju huma rrinfurzati permezz ta' sistema ta' notifikazzjoni minn qabel (ta' l-inqas 72 siegħa qabel il-ħatt l-art).

Fl-aħħar, l-Artikolu 6 tar-Regolament jirrikjedi li l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni kull sena, mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju, rapport annwali komprensiv dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament matul is-sena ta' qabel. Dan ir-rapport għandu jiddeskrivi l-monitoraġġ tal-konformità tal-bastimenti mar-rekwiżiti tar-Regolament, u għandu jagħti dettalji b'mod partikolari tan-numru ta' permessi speċjali maħruġa, tal-bażi teknika biex tiġi stabbilita l-korrispondenza teoretika bejn il-piżijiet tax-xewk u ta' l-iġsma u d-dokumentazzjoni kkunsidrata valida għall-għan ta' monitoraġġ tal-ħatt l-art separati ta' xewk u iġsma. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-operat tar-Regolament u l-iżviluppi internazzjonali f'dan il-qasam lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill wara li l-Istati Membri jkunu ssottomettew it-tieni rapport annwali tagħhom.

2. PERJODI TA' INTERESS U KONFORMITÀ MAR-REKWIŻITI TA' RAPPURTAĠĠ NAZZJONALI

Ir-Regolament 1185/2003 daħal fis-seħħ fit-2 ta' Settembru 2003. L-ewwel rapport ta' l-Istati Membri li jikkonċerna l-perjodu ta' implimentazzjoni ta' l-2003 (li jkopri biss l-aħħar parti ta' l-2003) kellu jingħata sa' l-1 ta' Mejju 2004. It-tieni rapport annwali li jkopri s-sena 2004 kollha (mill-1 ta' Mejju 2004 għall-Istati Membri ġodda kkonċernati) kellu jingħata sa' l-1 ta' Mejju 2005.

Ġeneralment, l-Istati Membri ma rrispettawx id-dati ta' l-għeluq għas-sottomissjoni tar-rapporti u s-servizzi tal-Kummissjoni ħarġu ittri ta' tfakkir lill-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri li għandhom operat fis-settur tas-sajd. Barra dan, għalkemm l-għan ta' dan ir-Regolament huwa speċifiku ħafna u l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tiegħu li għandha tiġi pprovduta lill-Kummissjoni tista' tkun pjuttost konċiża, iktar korrispondenza ma' numru ta' Stati Membri kienet meħtieġa biex tintalab xi

informazzjoni (ara l-anness għal iktar dettalji dwar ir-rapporti nazzjonali sottomessi u l-korrispondenza li saret ma' l-Istati Membri dwar din il-kwistjoni).

Meta wieħed jikkunsidra li l-Artikolu 6 tar-Regolament 1185/2006 jirrikjedi li l-Kummissjoni tirraporta sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2006, ir-rapport preżenti ġie ppreparat fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li ġiet sottomessa mill-Istati Membri sa mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru 2005.

Sa din id-data, 5 Stati Membri (l-Irlanda, l-Italja, Malta, l-Olanda u s-Slovenja) kienu għadhom ma tawx ir-rapporti nazzjonali għas-sena 2004. Informazzjoni addizzjonali dwar ċerti punti kienet għadha ma ngħatatx minn 7 Stati Membri.

3. IL-QAGĦDA PREŻENTI ĠENERALI FIR-RIGWARD TA' L-UŻU JEW LE MINN L-ISTATI MEMBRI TAL-POSSIBILTÀ TA' L-ALLOKAZZJONI TA' PERMESSI SPEĊJALI GĦAS-SAJD BIEX JITNEĦĦA X-XEWK ABBORD

Għall-perjodu kkonċernat ta' l-2003, żewġ Stati Membri (mit-13 ikkonċernati), jiġifieri l-Ġermanja u Spanja, allokaw permessi speċjali għas-sajd li jippermettu t-tneħħija tax-xewk tal-klieb il-baħar abbord. Spanja indikat ukoll li nota ta' informazzjoni ntbagħtet lir-rappreżentanti ta' l-industriji tas-sajd ikkonċernati f'Settembru 2003 biex tinfurmahom dwar ir-rekwiżiti tar-Regolament 1885/2003. Bl-istess mod, immedjatament wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament, l-awtoritajiet Portugiżi infurmaw lill-industriji tas-sajd ikkonċernati dwar il-bżonn li jitolbu għall-permessi speċjali. Il-Portugall ukoll ipprepara u stabbilixxa l-miżuri amministrattivi meħtieġa biex jifforma l-allokazzjoni ta' tali permessi, imma l-ebda permess ma nħareġ fil-prattika mill-awtoritajiet nazzjonali qabel tmiem l-2003. Fir-rapport tiegħu, dan l-Istat Membru diġà ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jqassam permessi speċjali għas-sena 2004.

L-Istati Membri l-oħra ma' ħarġu l-ebda permess speċjali għas-sajd biex jippermettu t-tneħħija tax-xewk tal-klieb il-baħar abbord il-bastimenti[3]. Ħafna minnhom irrapurtaw ukoll li ma kien hemm l-ebda bżonn għal tali permessi, jew li s-sajd nazzjonali għall-kelb il-baħar tagħhom kien illimitat jew li s-sajjieda jniżżlu l-art klieb il-baħar sħaħ. L-ebda minn dawn l-Istati Membri ma pprovda xi indikazzjoni dwar il-possibilità li jinħarġu permessi speċjali fil-futur.

Fl-2004, is-sitwazzjoni rrapurtata għall-15-il Stat Membru ta' l-UE kkonċernati kienet kumparabbli ma' dik irrapurtata fl-2003, minbarra bidla waħda evidenti fis-sitwazzjoni ġenerali li tikkonċerna r-Renju Unit li allokka permessi speċjali għas-sajd f'dik is-sena

Safejn huma kkonċernati l-Istati l-Membri l-ġodda, l-ebda rapport ma kien disponibbli għall-2004 minn Malta u s-Slovenja sat-30 ta' Settembru 2005. L-awtoritajiet Pollakki taw indikazzjoni li huma ma ħarġux permessi speċjali għat-tneħħija tax-xewk tal-kelb il-baħar abbord. L-informazzjoni pprovduta minn Ċipru, l-Estonja u l-Latvija implikat li dawn l-Istati Membri ma tawx tali permessi lanqas iżda s-Servizzi tal-Kummissjoni kienu għadhom qed jistennew ir-risposti ta' konferma. Dawn l-Istati Membri kollha rreferew

[3] Informazzjoni pprovduta mill-Italja għall-2003 timplika li tali permessi ma kinux meħtieġa. Madankollu, l-ebda risposta ma hi disponibbli għal talba tal-Kummissjoni għall-konferma li ma saritx allokazzjoni ta' permessi speċjali.

għal elementi prinċipali li jinkludu l-assenza ta' qabda jew il-fatt li normalment il-qabda tal-klieb il-baħar tkun sekondarja u tinħatt l-art sħiħa. Il-Litwanja semmiet li l-2004 kienet sena ta' tranżizzjoni wara l-adeżjoni u li l-ebda permess speċjali ma nħareġ għal din is-sena. Madankollu, ir-rapport Litwan ta' l-2004 kien diġà indika li l-uniku bastiment involut fis-sajd tal-klieb il-baħar u li normalment jniżżel f'Vigo, kien ingħata permess speċjali fl-2005.

4. INFORMAZZJONI RELATATA MA' L-ALLOKAZZJONI TA' PERMESSI SPEĊJALI GĦAS-SAJD GĦAT-TNEĦĦIJA TAX-XEWK TAL-KLIEB IL-BAĦAR ABBORD U L-KUNDIZZJONIJIET ASSOĊJATI

Dan il-kapitolu jipprovdi iktar dettalji ta' l-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri li għamlu użu mill-possibilità prevista mir-Regolament 1185/2003 biex jallokaw permessi speċjali għas-sajd lil xi wħud mill-bastimenti tagħhom biex jippermettu t-tneħħija tax-xewk tal-klieb il-baħar abbord fl-2003-2004.

4.1. In-Numru ta' permessi speċjali għas-sajd u l-ġustifikazzjoni

Fl-2003, l-awtoritajiet Ġermaniżi ħarġu permessi speċjali għal tliet bastimenti fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni mis-sid tal-bastiment li l-ipproċessar abbord huwa meħtieġ u li l-partijiet kollha tal-klieb il-baħar se jintużaw. Skond l-indikazzjonijiet tagħhom, dawn il-bastimenti operaw l-iktar fl-ibħra Irlandiżi u normalment niżżlu fi Spanja. Fir-rapport tagħha ta' l-2004, il-Ġermanja tat indikazzjoni li l-istess proċedura kienet intużat fl-2004 biex jinħarġu permessi speċjali għas-sajd għall-istess tliet bastimenti. Madankollu, f'risposta sussegwenti għat-talba għal xi informazzjoni addizzjonali, il-Ġermanja indikat li żewġ bastimenti oħra ngħataw ukoll permess speċjali fl-2004, biex it-total ta' bastimenti kkonċernati tela' għal 5.

Spanja ħarġet 182 permess speċjali fl-2003, li kollha ngħataw lill-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ. Total ta' 90 permess ġew allokati għas-sajd fl-ibħra ta' Spanja u 86 għas-sajd f'ibħra internazzjonali. Sitt permessi ngħataw lill-bastimenti involuti f'sajd sperimentali (fl-oqsma VIII a, b, ċ u d). Fl-2004, inħarġu 198 permess speċjali u dawn kienu jikkonċernaw bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ fl-ibħra Spanjoli (99), bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ f'ibħra internazzjonali (91), bastiment tas-sajd bil-konz fil-fond fl-ibħra Spanjoli (1) u sajd sperimentali (7). L-ebda indikazzjoni dwar il-ġustifikazzjoni għall-ħtieġa ta' permessi speċjali ma kienet disponibbli.

Il-Portugall ma ħareġ l-ebda permess qabel tmiem l-2003, iżda alloka 11-il permess speċjali fl-2004 lill-bastimenti li jużaw il-konz (u li jaqbdu pixxispad u speċi tal-kelb il-baħar pelaġiċi). Dawn il-permessi nħarġu biss b'dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin: dikjarazzjoni mill-bastiment rigward il-kapaċità biex jintużaw il-partijiet kollha tal-klieb il-baħar, ġustifikazzjoni għall-ħtieġa ta' l-ipproċessar abbord (għal raġunijiet ta' kummerċ jew ħażna) u kontroll li jara li teżisti l-awtorizazzjoni sanitarja xierqa għall-ipproċesar abbord.

L-awtoritajiet tar-Renju Unit allokaw 20 permess speċjali għas-sajd biex jidderoga mill-projbizzjoni ġenerali fuq it-tneħħija tax-xewk tal-klieb il-baħar abbord bastimenti fl-2004. Madankollu, ir-rapport nazzjonali ma inkludiex xi indikazzjoni oħra dwar dan l-aspett, partikolarment dwar il-ġustifikazzjoni għal tali ħtiġiet.

4.2. Korrispondenza bejn il-piż tax-xewk u l-piż ta' l-iġsma tal-klieb il-baħar

Fl-erba' Stati Membri li allokaw permessi speċjali fl-2003 u/jew fl-2004 kien japplika l-proporzjon massimu teoretiku ta' 5% (il-piż tax-xewk kontra l-piż ħaj tal-klieb il-baħar).

Madankollu, kemm Spanja kif ukoll il-Portugall ikkunsidraw li l-proporzjon massimu ta' 5% piż ħaj ma kienx jirrifletti perfettament ir-realtà tas-sajd nazzjonali tagħhom. Fir-rapport tagħhom, l-awtoritajiet Spanjoli rreferew għal xi riżultati ppreżentati fi grupp ta' ħidma ICES[4] u semmew li jkun xieraq li jiġu stabbiliti livelli differenti skond it-tipi ta' sajd. Il-Portugall ipprovda xi riżultati li wkoll kienu ppreżentati fil-laqgħa ta' l-ICCAT ta' l-2004) dwar il-proporzjonijiet tal-piż tax-xewk /piż ħaj għall-ħuta kaħla (*blue shark*) maqbuda bil-konzijiet fiċ-Ċentru Lvant ta' l-Atlantiku (l-ibħra ta' l-Azores), li kien il-bażi li fuqu indika li l-proporzjon ta' 6.6% jkun jirrappreżenta l-valur adattat għall-każ Portugiż.

Apparti mill-Portugall li pprovda wkoll xi indikazzjoni dwar il-proporzjon użat fil-prattika għall-għanijiet ta' kontroll fl-2003 (12% tal-piż imnaddaf), l-Istati Membri ma pprovdewx indikazzjoni oħra dwar ir-relazzjoni bejn il-piżijiet tax-xewk u ta' l-iġsma (partikolarment il-fattur ta' konverżjoni disponibbli għall-awtoritajiet ta' kontroll tagħhom sabiex jevalwaw fil-prattika jekk il-proporzjon ta' xewk u tal-partijiet ipproċessati tal-karkassi miżmuma abbord huwiex konformi mal-proporzjon teoretiku ta' 5% bbażat fuq il-piż ħaj tal-klieb tal-baħar).

Ir-Renju Unit ikkunsidra li ma kienx hemm data biżżejjed biex dan il-proporzjon ikun varjat mill-massimu permess skond ir-Regolament 1185/2003. Wara li kkunsidrat l-importanza tas-sajd għall-klieb il-baħar tagħhom u l-mod kif joperaw il-bastimenti nazzjonali, il-Ġermanja rreferiet għar-raġunijiet ta' proporzjonalità u ta' limitazzjoni fl-infiq għall-fatt li ma bdietx riċerka xjentifika biex tipprovdi bażi teknika biex tiġi stabbilita korrispondenza teoretika bejn ix-xewk u l-iġsma tal-klieb il-baħar.

4.3. Dokumentazzjoni kkunsidrata valida mill-Istati Membri għall-fini ta' monitoraġġ tal-ħatt l-art separat ta' xewk u ta' iġsma – Il-ħatt l-art barra l-portijiet Komunitarji.

Id-dokumenti meħtieġa għall-bastimenti Spanjoli (jew Komunitarji) għall-kontrolli f'każ ta' ħatt l-art separat fi Spanja kienu jinkludu l-ġurnal t'abbord, dikjarazzjoni għall-ħatt l-art/għat-trasbord, dokumentazzjoni tal-bejgħ u l-permess speċjali. Fil-każ tal-bastimenti mhux ta' l-UE, id-dokumentazzjoni rikjesta mill-awtoritajiet ta' kontroll Spanjoli tirreferi għall-manifest tal-merkanzija u d-dokumentazzjoni kollha tas-sajd u l-bejgħ. Fir-rapport tagħha ta' l-2004, l-awtoritajiet Spanjoli semmew ukoll li kien qiegħed jiġi approvat digriet ministerjali biex jiġi stabbilit reġistru speċjali tal-qabda għall-bastimenti taħt l-għaxar metri li jistgħu jibbenifikaw minn permess speċjali għas-sajd (u li mhumiex soġġetti għar-rekwiżiti tal-ġurnal t'abbord ġenerali). Dan id-digriet il-ġdid jkun jista' jagħti wkoll dettalji dwar tali kontrolli. Ir-rapporti annwali ma pprovdew l-ebda indikazzjoni ta' kemm tintuża l-prattika tal-ħatt l-art separat tax-xewk u ta' l-iġsma f'portijiet differenti pparagunata mal-prattika tal-ħatt l-art tal-qabda sħiħa kollha f'daqqa.

---

[4] Grupp ta' Ħidma fuq is-Sajd ta' l-ispeċi *Elasmobranch* 2003 tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES—*International Council for the Exploration of the Sea*)

Il-Portugall indika fl-2003 li kkunsidra li dokumentazzjoni speċifika oħra ma kinitx meħtieġa peress li l-flotta kkonċernata ma għamlitx ħatt l-art separat. Għall-2004 kkonferma l-assenza ta' ħatt l-art separat jew trasbord ta' xewk u iġsma tal-klieb il-baħar.

Il-ħatt l-art separat ta' xewk u l-partijiet li jifdal mill-karkassi ma kienx permess mill-Awtoritajiet tar-Renju Unit (peress li l-permessi speċjali għas-sajd għat-tneħħija tax-xewk tal-klieb il-baħar abbord maħruġa fl-2004 kienu jirrikjedu li x-xewk u l-iġsma jintħattu l-art fl-istess ħin).

Il-Ġermanja ma pprovdietx indikazzjoni ċara dwar jekk il-ħatt l-art separat tax-xewk u ta' l-iġsma setax isir jew le. Madankollu, peress li prattikament il-qabda totali ta' klieb il-baħar minn bastimenti li jtajru bandiera Ġermaniża kienet imniżżla fuq l-art fi Stati Membri oħra, l-awtoritajiet Ġermaniżi insistew fir-rapporti tagħhom dwar il-ħtieġa li jiddependu fuq kontrolli magħmula minn Stati Membri oħra.

Fejn hu kkonċernat il-ħatt l-art ta' klieb il-baħar possibbli barra l-Komunità minn bastimenti li jkollhom permess speċjali għas-sajd, il-Portugall irraporta li proporzjon żgħir tal-qabda tal-klieb il-baħar inħatt l-art f'Cape Town imma ma għamel l-ebda kumment ieħor dwar din il-kwistjoni (partikolarment dwar il-konformità jew il-funzjonament tas-sistema ta' notifikazzjoni minn qabel stabbilità bir-Regolament 1185/2003 f'każijiet bħal dawn). Skond xi indikazzjoni oħra pprovduta mill-Ġermanja, il-bastimenti Ġermaniżi li għandhom permessi speċjali għas-sajd għat-tneħħija tax-xewk tal-klieb il-baħar abbord ma jniżżlux fuq l-art klieb il-baħar barra l-portijiet tal-Komunità. Iktar indikazzjonijiet dwar dan is-suġġett kienu għadhom mistennija minn Spanja u r-Renju Unit fit-30 ta' Settembru 2005.

5. KONTROLLI U MONITORAĠĠ TAL-KONFORMITÀ TAL-BASTIMENTI LI GĦANDHOM PERMESSI SPEĊJALI GĦAS-SAJD

Fir-rapporti annwali inizjali tagħhom, bosta Stati Membri pprovdew biss ftit jew saħansitra ma taw l-ebda indikazzjonijiet dwar il-monitoraġġ tal-konformità tal-bastimenti ma' dan ir-Regolament u dwar ir-riżultati tal-kontrolli, li qajjem il-bżonn biex is-Servizzi tal-Komunità jitolbu iktar infomazzjoni.

Jidher li normalment il-kontrolli saru bħala parti mill-ispezzjonijiet normali u skond il-proċeduri u l-prattiċi tal-kontrolli fis-settur tas-sajd tas-soltu. (i.e: mal-ħatt l-art, abbord jew fuq il-bażi tad-dokumentazzjoni meħtieġa; skond il-possibiltajiet prattiċi ukoll).

Minbarra kontroll wieħed ta' bastiment wieħed fuq il-baħar, l-awtoritajiet Ġermaniżi indikaw li l-bastimenti b'permess speċjali għas-sajd għat-tneħħija tax-xewk tal-klieb il-baħar li normalment kienu jwettqu operazzjonijiet ta' sajd għalihom barra l-ibħra li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Ġermanja (l-iktar f'ibħra Irlandiżi fejn l-ispetturi Ġermaniżi m'għandhomx aċċess) u jsir ħatt l-art direttament fi Spanja. Għalhekk il-kontrolli tagħhom setgħu jsiru fuq il-bażi tad-dokumentazzjoni biss. Il-Ġermanja insistiet ukoll li f'każ bħal dan, il-kontrolli (matul l-operazzjonijiet ta' sajd jew mal-ħatt l-art) jkollhom jiddependu fuq l-azzjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra.

Bħala riżultati tal-kontrolli, l-Istati Membri li mhux qed joħorġu permessi speċjali għas-sajd m'identifikawx xi ksur tar-Regolament 1185/2003 matul il-perjodu 2003 – 2004. Ma kien hemm l-ebda każijiet ċari b'mod partikolari tal-prattika tat-tneħħija tax-xewk (per eżempju, bl-ispezzjoni ta' kaxxi ta' xewk tal-klieb il-baħar mingħajr xi parti tal-karkassa korrispendenti). Xi ftit każi ta' ksur ġew irrapurtati għall-2004 li jikkonċernaw bastimenti b'permessi speċjali għas-sajd. Dawn il-każi ta' ksur kienu relatati man-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' żamma ta' rekords jew mal-proporzjon massimu ta' korrispondenza bejn il-piż tax-xewk u l-piż tal-karkassi miżmuma abbord.

Il-Ġermanja indikat, b'mod iktar preċiż, li fetħet proċedura amministrattiva waħda għall-ksur talli ma saritx żamma ta' rekords tal-piż tax-xewk tal-klieb il-baħar imneħħija. Il-Portugall irrefera għall-fatt li ġew osservati xi diffikultajiet li jikkonċernaw il-proċedura differenti għaż-żamma tar-rekords tax-xewk tal-klieb il-baħar, partikolarment mis-sidien ta' bastimenti bi friża, u nħarġu notifiki ta' twissija biex jintalbu jirranġaw is-sitwazzjoni. Ma nstabet l-ebda sitwazzjoni illegali fid-dokumentazzjoni tal-bastimenti tas-sajd li ġew ikkontrollati mal-ħatt l-art. Spanja rrapurtat li fl-2004 saru 119-il spezzjoni fuq bastimenti tas-sajd bil-konz u bastimenti tal-friża b'qabda ta' klieb il-baħar abbord li bihom ġew identifikati 3 każijiet ta' ksur (fost it-33) ta' nuqqas ta' konformità mal-proporzjon massimu ta' 5% fil-piż ħaj stabbilit mir-Regolament 1185/2003.

6. ŻVILUPPI INTERNAZZJONALI TAL-PROJBIZZJONIJIET TAT-TNEĦĦIJA TAX-XEWKA TAL-KELB IL-BAĦAR

Il-projbizzjoni tal-prattika ta' tneħħija tax-xewk tal-kelb il-baħar, stabbilita permezz tar-Regolament 1185/2003, tapplika għal kull tip ta' sajd fl-ibħra tal-Komunità u għall-bastimenti tas-sajd tal-Komunità kollha f'ibħra mhux tal-Komunità. Peress li l-politika Komunitarja hija li turi impenn ugwali lejn il-konservazzjoni fl-ibħra kollha fejn joperaw il-bastimenti tagħha, il-Komunità ħadet ukoll attitudni proattiva biex tiffaċilita l-promozzjoni ta' miżuri li jipprojbixxu l-prattiċi tat-tneħħija tax-xewk għall-adozzjoni f'fora internazzjonali bħal, l-Organizazzjonijiet Reġjonali tas-Sajd (*Regional Fisheries Organisations*-RFOs).

Għalhekk, f'dawn l-aħħar sentejn, ħafna RFOs qablu mal-projbizzjoni tal-prattiċi tat-tneħħija tax-xewk fuq il-bażi ta' proposta tal-Komunità (flimkien ma' appoġġ minn partijiet oħra). Sat-30 ta' Settembru 2005, dawn l-RFOs kienu:

- il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn Atlantiku (ICCAT)[5],

- il-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC)[6],

- il-Kummissjoni ta' l-Oċean Indjan tat-Tonn (IOTC)[7] u

- l-Organizzazzjoni tas-Sajd ta' l-Atlantiku tat-Tramuntana (NAFO)[8].

---

5 Rakkomandazzjoni 04/10 li tikkonċerna l-konservazzjoni tal-klieb il-baħar maqbuda flimkien ma' sajd immaniġġjat mill-ICCAT (disponibbli fis-sit http://www.iccat.es)

6 Reżoluzzjoni C-50-03 dwar il-konservazzjoni tal-klieb il-baħar maqbuda flimkien ma' sajd fl-Oċean Paċifiku ta' Lvant (disponibbli fis-sit http://www.iattc.org)

7 Reżoluzzjoni 05-05 li tikkonċerna l-konservazzjoni tal-klieb il-baħar maqbuda flimkien ma' sajd immaniġġjat mill-IOTC (disponibbli fis-sit http://www.iotc.org)

7. KONKLUŻJONIJIET

L-informazzjoni li ngħatat mill-Istati Membri għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni dwar l-operat ta' dan ir-Regolament, għalkemm mhux dejjem kienet kompluta, twassal għal konferma li r-Regolament jidher li qed jilħaq l-għanijiet ġenerali tiegħu.

It-tneħħija tax-xewka, jiġifieri l-prattika li tikkonsisti fiż-żamma tax-xewk tal-klieb il-baħar biss u fir-rimi tal-karkassa fil-baħar, deher li ma kinitx użata b'mod sinifikanti fis-sajd Komunitarju qabel ma daħal fis-seħħ ir-Regolament (Xi wħud mill-Istati Membri kienu diġà pprojbixxu tali prattiċi) u l-għan prinċipali ta' dan ir-Regolament kien li jevita kwalunkwe żvilupp possibbli ta' tali prattika.

Kif previst, il-konsegwenzi prattiċi li joħorġu minn dan ir-Regolament għall-flotot Ewropej jibqgħu aktarx limitati u huma primarjament ta' natura amministrattiva (allokazzjoni ta' permessi speċjali minn awtoritajiet kompetenti u dokumentazzjoni addizzjonali meħtieġa mingħand xi sajjieda għal traċċabilità rinfurzata). Tali konsegwenzi jikkonċernaw prinċipalment il-flotot tas-sajd bil-konz tal-wiċċ ta' xi Stati Membri, u b'impatt limitat fuq l-operazzjonijiet ta' sajd infushom.

Għalkemm xi żewġ Stati Membri jikkunsidraw li l-proporzjon massimu preżenti ta' 5% bejn il-piż tax-xewk u l-piż ħaj totali tal-qabda tal-kelb il-baħar ma jirriflettix ir-realtà f'każijiet speċifiċi li għalihom m'hemmx data xjentifika disponibbli, l-Istati Membri ma pprovdew l-ebda informazzjoni li tissuġerixxi li s-settur qed ikollu diffikultajiet sinifikanti biex ikampa mal-leġiżlazzjoni preżenti, kif kien indikat ukoll mir-riżultat tal-kontrolli. Ma jidhirx lanqas li dan ir-Regolament, meta implimentat u infurzat kif suppost, jista' jippreżenta lakuni li jistgħu jippermettu t-tneħħija tax-xewk "legali" b'mod sinifikanti fi ħdan dan il-limitu ta' 5%. Fid-dawl tal-bżonn għal regoli proporzjonali u infurzabbli, ir-Regolament preżenti ma jidhirx li jeħtieġ emenda f'dan l-istadju. Implimentazzjoni aħjar ta' xi aspetti minn xi Stati Membri hija definittivament mixtieqa, partikolarment fejn jidħol il-kriterju għall-allokazzjoni ta' permessi speċjali għas-sajd jew għar-rappurtaġġ.

Il-Kummissjoni se tkompli bil-monitoraġġ ta' dan ir-Regolament fuq il-bażi ta' rapporti annwali mill-Istati Membri jew ta' kull xorta ta' informazzjoni oħra rilevanti.

---

[8] Miżuri ta' konservazzjoni u infurzar tan-NAFO miftiehma fil-Laqgħa Annwali tagħha (19-23 ta' Settembru 2005) – Ara s-sit http://www.nafo.int

Anness
Rapporti nazzjonali milqugħa

Rapporti għall-2003

Sad-data ta' skadenza ta' l-1 ta' Mejju 2004, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda rapport nazzjonali għall-perjodu ta' l-2003 dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-ewwel ittra ta' tfakkir intbagħtet fid-19 ta' Mejju 2005 lit-13-il Stat Membru kkonċernat (i.e: UE-15 bl-eċċezzjoni ta' AT u LU). It-tieni ittra ta' tfakkir intbagħtet fis-6 ta' Ottubru 2004 lil 5 Stati Membri (FR, ,ES, NL, SW, FI). L-iktar rapport ta' l-2003 riċenti ġie mogħti lill-Kummissjoni fil-15 ta' Marzu 2005 (SE, li ħadet din l-opportunità biex tinforma lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni kemm għall-2003 kif ukoll għall-2004). Filwaqt li xi rapporti nazzjonali, għalkemm mhux żviluppati ħafna, setgħu jiġu kkunsidrati bħala suffiċjenti (speċjalment fejn ma ngħatawx permessi speċjali għas-sajd), rapporti nazzjonali oħra ma setgħux jiġu kkunsidrati bħala li jipprovdu l-informazzjoni minima meħtieġa fir-rigward tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament 1185/2003.

Rapporti għall-2004

Fl-1 ta' Mejju 2005, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda rapport nazzjonali għall-perjodu ta' l-2004 ħlief mingħand SE. Ġew mibgħuta ittri fid-19 ta' Mejju 2005 lil 19-il Stat Membru[9] biex ifakkruhom dwar l-obbligu tagħhom li jirrappurtaw b'mod komprensiv u/jew fejn meħtieġ biex jistaqsu/jitolbu għal informazzjoni addizzjonali li ma kinitx ipprovduta safejn kienet ikkonċernata s-sena 2003. It-tieni ittra ta' tfakkir intbagħtet fil-bidu ta' Awwissu 2005 lil 6 Stati Membri (FI, IE, IT, MT, NL u SI) li ma kienu pprovdew l-ebda indikazzjoni għall-2004 lill-Kummissjoni sa dak iż-żmien. Iktar korrispondenza kienet meħtieġa mingħand 12-il Stat Membru wara li ġiet ikkunsidrata l-informazzjoni li huma pprovdew fil-bidu għall-2004.

Il-qagħda preżenti sat-30 ta' Settembru 2005

Ir-rapporti nazzjonali għall-2005 ta' l-Irlanda, l-Italja, Malta, l-Olanda u s-Slovenja ma kinux disponibbli.

Risposti għal talba għall-informazzjoni addizzjonali mingħand Ċipru, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, il-Latvja, il-Portugall u r-Renju Unit kienu għadhom mistennija.

It-tabella t'hawn taħt tipprovdi sitwazzjoni ddettaljata għal kull Stat Membru

[9] L-UE ta' 25 bl-eċċezzjoni ta' l-istati mhux mal-kosta (i.e: AT, LU, SK, CHE, HU) u SE u ES li sadanittant ir-rapport tagħhom ġie trażmess.

Stat Membru	Id-dati tar-rapport għall-2003*	Id-dati tar-rapport għall-2004*	Kummenti (sat-30.9.2005)
BE	7.6.2004	9.6.2005 (29.8.2005 : informazzjoni addizzjonali)	L-informazzjoni disponibbli bil-punti prinċipali indirizzati
CY	/	28.6.2005	Informazzjoni addizzjonali ġiet mitluba fis-16.8.2005
DK	3.9.2004	4.7.2005	L-informazzjoni disponibbli bil-punti prinċipali indirizzati
DE	22.7.2004	13.6.2005 (29.9.2005: informazzjoni addizzjonali)	L-informazzjoni ġeneralment disponibbli – ħtieġa għal kjarifika ta' xi ftit punti
EE	/	8.6.2005	Informazzjoni addizzjonali ġiet mitluba fis-16.8.2005
EL	14.6.2004	22.7.2005	Informazzjoni addizzjonali ġiet mitluba fit-8.9.2005
ES	16.11.2004	18.5.2005	Informazzjoni addizzjonali ġiet mitluba fis-16.8.2005
FI	4.11.20047	20.9.2005	L-informazzjoni disponibbli bil-punti prinċipali indirizzati
FR	2.2.2005	1.7.2005	L-informazzjoni disponibbli bil-punti prinċipali indirizzati
IE	6.8.2004		It-tieni ittra ta' tfakkir mibgħuta fl-4.8.2005
IT	28.7.2004		It-tieni ittra ta' tfakkir mibgħuta fl-4.8.2005
LT	/	16.6.2005 (2.9.2005 : informazzjoni addizzjonali)	L-informazzjoni disponibbli bil-punti prinċipali indirizzati
LV	/	6.6.2005	Informazzjoni addizzjonali ġiet mitluba fis-16.8.2005
MT	/		It-tieni ittra ta' tfakkir mibgħuta fl-4.8.2005
NL	22.10.2004		It-tieni ittra ta' tfakkir mibgħuta fl-4.8.2005
PL	/	6.6.2005 (29.8.2005 : informazzjoni addizzjonali)	L-informazzjoni disponibbli bil-punti prinċipali indirizzati
PT	19.7.2004	18.7.2005	Informazzjoni addizzjonali ġiet mitluba fit-8.9.2005
SE	15.3.2005	15.3.2005 (21.7.2005 : informazzjoni addizzjonali)	L-informazzjoni disponibbli bil-punti prinċipali indirizzati
SI	/		It-tieni ittra ta' tfakkir mibgħuta fl-4.8.2005
UK	30.7.2004	26.5.2005	Informazzjoni addizzjonali ġiet mitluba fis-16.8.2005

* Dawn id-dati jistgħu jkunu kemmxejn differenti mid-dati ta' meta ġew milqugħa r-rapporti u dan jiddependi partikolarment fuq il-proċedura użata għat-trażmissjoni ta' dawk ir-rapporti u meta rċevewhom is-Servizzi tal-Kummissjoni.

Ta' min ifakkar li l-Istati Membri li ġejjin: AT, CZ, HU, LU u SK mhumiex ikkonċernati mir-Regolament 1185/2003.